Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Novembru 2023
(OR. en)

PUBLIC

14967/23

LIMITE

PECHE 485

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0350(NLE)

## NOTA

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 13860/23 + ADD 1 |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2024<br>- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni<br>- Skambju ta' fehmiet |

1. Fl-10 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq, ibbażata fuq l-Artikolu 43(3) TFUE[1]. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024 fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, skont il-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM).

2. Huwa mistenni dokument informali addizzjonali tal-Kummissjoni biex jikkomplementa l-proposta fi żmien debitu.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Ottubru. Xi delegazzjonijiet daħħlu riżervi ta' skrutinju.

4. DK daħħlet riżerva ta' skrutinju parlamentari.

5. Il-Kunsill huwa mistieden jieħu nota tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni u jiskambja fehmiet dwar din il-kwistjoni.

[1] ST 13860/23 + ADD 1